# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 458.26

## REGOLAMENTI DWAR DRITTIJIET GĦALL-LIĊENZI TA' POSTIJIET MEDIĊI PRIVATI

1 ta' Jannar, 1998

*L-AVVIŻ LEGALI 143 ta' l-1998, kif emendat bl-Avviż Legali 427 ta' l-2007.*

**1.** It-titolu ta' dawn ir-Regolamenti hu Regolamenti dwar Drittijiet għall-Liċenzi ta' Postijiet Mediċi Privati. Titolu.

**2.** Għandu jitħallas lis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, dwar il-ħruġ jew tiġdid ta' liċenza murija taħt il-Kolonna 1 ta' l-Iskeda, id-dritt muri taħt il-Kolonna 2 ta' l-istess Skeda. Ġbir ta' dritt għal liċenza.

**3.** Ebda liċenza maħruġa skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ma għandha titqies li teħles mill-ħtieġa ta' xi liċenza, permess jew awtorizzazzjoni oħra mposti b'xi regolamenti jew b'xi liġi oħra. Liċenzi oħra, eċċ.

---

SKEDA

(Regolament 2)

*Sostitwita: A.L. 427 ta' l-2007.*

| *Kolonna 1*<br>*Tip* | *Kolonna 2*<br>*Dritt* |
|---|---|
| Klinika għal matul il-jum | €232.94 |
| Klinika għal matul il-jum b'estensjoni għal matul il-lejl | €465.87 |
| Sptar | €465.87 |
| Laboratorju Mediku | €116.47 |
| Klinika tal-Fisjoterapija | €116.47 |
| Klinika tal-Podoloġija | €58.23 |
| Klinika Veterinarja | €232.94 |
| Klinika ta' Dentist | €232.94 |
| Spiżerija | €58.23 |

---